MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 266/2012

**Appell Numru: 266/2012**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Balzan**

Illum, 22 ta’ Novembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Matthew Balzan, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 79684M talli:

Nhar it-30 ta’ Lulju, 2002, ghall-habta ta’ 17.10p.m., fi Triq Tal-Ballal, limiti tan-Naxxar:

Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni FA1929 b’manjiera traskurata;

U aktar talli ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta’ dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

U aktar talli saq l-imsemmija vettura minghajr ma kienet licenzjta mill-pulizija. jew mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta, biex tintuza fit-triq (licenzja mhix rinnovata).

Dan ai termini tal-Artikoli Sec. 15(1)(a)(2), Kap 65, Sec. 3(1) Kap 104, Sec. 15(1)(a)(3), Kap 65.

Il-prosekuzjoni tablet li l-imputat jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-17 ta’ Mejju, 2002, fejn il-Qorti sabithu hati ta’ l-akkuzi kollha u wara li rat 1-Artikoli 15 tal-Kapitolu 65 tal- Ligijiet ta’ Malta, 1-Artikoli 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet
ta’ Malta;

Ikkundannatu ghal piena pekunjarja komplessiva ta’ multa ta’ Lm250.00 ekwivalenti €582.50, u ghal-sospensjoni ta’ sitt xhur milli jkollu licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Ludwig Dimech pprezentat fil-25 ta’ Mejju, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka u thassar id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-17 ta’ Mejju 2012, filwaqt li taghti dawk il-provvedimenti koliha necessarji u opportuni li jidhrilha xierqa.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u  cioe':-

Illi 1-aggravji huma tlieta, u huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Fl-ewwel lok, il-fatt illi l-poloz tal-assigiurazzjoni esebiti mill-imghallem tal-imputat jkopru 1-incident in kwestjoni u b'hekk effettivament 1-imputat kien kopert b'assigirazzjoni.

2. Minghajr pregudizzju tas-suespost, fit-tieni lok, meta gara 1-incident, 1-imputat, li kien u ghadu kif beda jahdem bhala mechanic (l-ewwel xoghol tieghu), kellu biss tmintax-il sena, u intbghat jigbor vettura ghat-tiswija, mill-imghallem tieghu. L-istess imghallem tieghu kellu polza tal-assikrazzjoni li tkopri trial runs ghal garage fejn jahdem l-istess imputat.

Huwa verosimili li wiehed jippretendi li tali guvni jkun jaf li meta mar biex semplicement jigbor dil-vettura huwa ma kienx kopert b'hicenzja? Huwa verosimili li tali guvni qabel ma jmur jigbor vettura kien jitlob biex jara jekk kienx kopert b'assigurazzjoni mill-imghahlem tieghu? U jekk effettivament staqsa jekk kienx kopert, zgur li r-risposta li inghata kienet iva. Fil-fatt Anthony Baizan xehed li huwa ghahih kien kopert b' assigurazzjoni. Illi rinfaccat b'dan kollu, ai termini tal-artikolu 3 (1B) tal-Kap 104, zgur li r-reat sar bi-insaputa tal-imputat u li tenut kont tac-cirkostanzi ma kien hemm ebda pass iehor li seta jsir mill-imputat sabiex jipprevjeni il kommissjoni tar-reat meta 1-imghallem tieghu sa' waqt is-smiegh quddiem 1-Ewweh Qorti ghadu jinsisti li huwa kellu polza tal-assigurazzjoni.

3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu jirrigwarda l-piena, irrizulta waqt is-smiegh hi 1-imputat illum jahdem bhala mechanic ghal rasu, u li dan huwa l-unika introjtu li ghandu l-imputat. Ghalhekk jekk wiehed ser jaghti sospensjoni ta' licenzja lill-imputat ghal dak iz-zmien tas-sospensjoni l-imputat ser jitlef hobzu, u ser isofri dannu ikbar ghax il-goodwill li rnexxielu jistabilixxi tul dawn l-ahhar ghaxar snin, ser jitilfu, ghax il-klijenti la darba jitilquk difficli ferm li terga' takkwistahom. Illi huwa logiku li ma tistax isservi ta' mechanic jekk ma tistax tmur tigbor karozza jew tohrog fit-triq tipprovaha.

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, partikolarment:

a) L-insaputa assoluta tal-imputat li huwa seta' kien qed isuq bla assigurazzjoni;
b) It-trapass taz-zmien minn meta gara l-incident,
c) L-eta' zghira tal-imputat meta' gara l-incident,
d) Il-kondotta netta tal-imputat,
e) Ix-xoghol li jezercita l-imputat li tesigi ad neccesitatem sewqan ta' vetturi, kif ukoll
f) Id-dispost tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104, abbinat ma'
g) L-intenzjoni tal-Legislatur fi-artikolu 30 (2) tal-Kodici Kriminali, 1-istess imputat jitlob illi kieku kellha tinstab htija fil-konfront tieghu, din 1-Onorabbli Qorti ghandha tuza d-diskrezzjoni lilha moghtija mill-ligi u m'ghandhiex tapplika 1-ebda sospensjoni ta' licenzja tas-sewqan, ghax tali piena fil-konfront tieghu ser tirvinalu ghal kollox in-negozju li huwa ghandu u s-sengha li hu jezercita.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fit-30 ta' Lulju, 2002 l-appellant Matthew Balzan kien impjegat bhala mekkanik ma' missieru Anthony fil-garage bl-isem Balsons Garage, San Giljan. Missier l-appellant baghtu jigbor vettura ghat-tiswija ta' l-ghamla Land Rover. Meta kien qed isuq dan il-Land Rover lejn il-garage marrilha l-isteering u b'hekk l-appellant ma kellux aktar kontroll fuq il-vettura u dina baqghet diehla go zewg vetturi ohra. Missier l-appellant haseb illi bil-polza li kellu l-impjegati tieghu kienu koperti wkoll, izda rrizulta illi fil-fatt ma kienux. U b'hekk il-pulizija hargu akkuzi kontra l-appellant talli ghamel uzu minn vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' l-assigurazzjoni, talli saq din il-vettura meta ma kienetx hekk licenzjata biex tintuza fit-triq.

B'Sentenza tas-17 ta' Mejju, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi kollha u kkundannatu ghal multa ta' €582.50 u ssospendiet il-licenzja tas-sewqan ghal sitt xhur. L-appellant hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell. Ir-ragunijiet kienu illi l-kaz gara hdax –il sena ilu u mar jigbor vettura fuq

struzzjonijiet ta' missieru u waqt li kien qed isuq lura kellu dan l-incident u dahal f'vettura ohra. Dak iz-zmien l-appellant kellu biss 18 –il sena u qaghad fuq missieru dwar jekk il-Land Rover kienetx koperta b'licenzja jew le. Illum l-appellant jahdem bhala mekkanik ghal rasu u jekk tittiehd il-licenzja dana jaffettwa hobzu.

Il-vettura in kwistjoni FIA 929 kienet assigurata fuq certa Jason Cachia u kellha l-assigurazzjoni taghha skaduta minn Gunju, 2002. Oliver James Giorgio xehed illi waqt illi kien ghaddej minn San Gwann lejn in-Naxxar habtu ta' quddiemu mbaghad hu kien it-tielet wiehed. Qal illi l-karozza li marret fuqhom kienet fuq in-naha taghhom tat-triq u kienet qed tibbilancja bejn is-central strip u t-triq. Hu gharaf lill-appellant bhala s-sewwieq. Oliveanne Sammut ukoll invouta f'dan l-incident rat il-Land Rover gejja mill-faccata, ghaddeja minn fuq is-central strip, resqet lejn il-hajt pero' xorta dahal fiha. Missier l-appellant Anthony Balzan xehed illi huwa kellu assigurazzjoni illi kienet anke tawtorizza lis-sewwieqa bhala mpjegati tieghu biex juzaw karozzi mhux inxurjati. Irrizulta pero' illi din l-assigurazzjoni lanqas qieghda fuq isem l-appellant kif xehed missieru. Din il-polza hija fil-konfront ta' liability third parties intiza biex tkopri "Trial Run."

L-ewwel Qorti ghalhekk ikkonkludiet illi din il-polza ma kienetx tkopri lill-appellant u argumentat illi anke kieku verament il-vettura gralha xi hsara, l-appellant dejjem kien f'pozizzjoni li jwaqqaf il-vettura mmedjetament u mhux isuq fuq is-central strip. Soluzzjoni ohra kellha tkun illi l-vettura tigi rmunkata lejn il-garage u mhux tinstaq f'sitwazzjoni illi ma kienetx tajba ghat-triq. L-appellant argumenta ukoll illi llum jahdem ta' mekkanik ghal rasu u jekk tittiehed il-licenzja se taffetwa hazin ix-xoghol tieghu. Din il-Qorti jidhrilha illi dan l-argument ma jistax jintuza f'dawn ic-cirkostanzi meta s-sospenzjoni tal-licenzja hija wahda tassattiva. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Azzopardi deciza fl-4 ta' Awwissu, 2006 intqal "*Il-fatt illi d-driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu .... ma jintitulax lil din il-Qorti illi tmur kontra l-Ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja, ghax kieku kellha taghmel hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid*

*joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun isuq il-hin kollu, ghandu xi mmunita mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.”*

Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment tasal ghal-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz li dik id-diskrezzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------